MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 429/2012

**Yellow Pages (Malta) Limited**

**vs.**

**Christian Demanuele**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u hamsa u disghin Ewro u tmienja u disghin centezmu (€595.98) dovuta mill-konvenut lis-socjeta` attrici, rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi ta' reklamar moghtija mis-socjeta' attrici lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu

preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' hames mija u hamsa u disghin Ewro u tmienja u disghin centezmu (€595.98), bl-imghax legali dekorribbli mit-30 ta' Novembru 2011, li hija d-data tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------